**313. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, jipproponi:-**

Wara li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ra l-Estimi tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2025;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mis-Sur Charles Deguara, personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fit-18 ta' Ottubru 2024;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Peress li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika b'mod unanimu rrikkmanda li l-estimi għandhom jiġu approvati kif imressqa;

Il-Kamra tad-Deputati għalhekk tapprova dawn l-estimi kif imressqa u kif approvati mill-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

**22.10.2024**